**31 ta' Mejju, 1961**

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. J. Flores, B.L. Can., LL.D.**

Emmanuele Aquilina

*versus*

Giovanni Pietro Spiteri

**Lokazzjoni — Bord tal-Kera — Ċessjoni ta' Kawża — Rifużjoni tal-Ispejjeż — Art. 910(2) tal-Proċedura Ċivili.**

*Il-parti li tirrinunzja għall-attijiet ta' kawża għandha tħallas l-ispejjeż tal-istess kawża; u hija ma tistgħax tibda kawża oħra għall-istess azzjoni qabel ma tkun fil-fatt ħallset dawk l-ispejjeż lill-parti l-oħra.*

*Jekk is-sid ta' fond jipproponi kawża quddiem il-Bord tal-Kera biex jieħu lura pussess tal-fond mikri lill-intimat billi jridu għalieh, u dik il-kawża jċedilha u jipproproni oħra quddiem it-tribunal ċivili biex jiżgombra lill-inkwilin fuq il-kawżali li kien sar ftehim li l-konvenut kellu joħroġ mill-fond, u li għalhekk huwa, meta baqa' fil-post, baqa' jokkupah mingħajr titolu, iż-żewġ kawżi mhumiex l-istess; għaliex għalkemm l-oġġett finali hu wieħed fiż-żewġ kawżi, u l-istess huma l-kontendenti, il-kawżalijiet mhumiex l-istess. U għalhekk dik ir-regola tar-rifużjoni tal-ispejjeż tal-ewwel kawża ċeduta ma tapplikax.*

Il-Qorti:— Rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attur, premessi d-dikjarazzjonijiet neċessarji u mogħtija l-provvedi-

menti opportuni, premess li l-attur u l-konvenut ftehmu illi l-konvenut jikkonsenja ċ-ċwievet tal-fond numru 56 Victory Street, Hamrun, mal-iskadenza tal-kera tal-imsemmi fond fl-aħħar ta' Marzu 1961 lill-attur, li akkwista l-fond b'titolu ta' enfitewsi temporanea; premess li l-konvenut, għalkemm għaddiet l-imsemmija skadenza, qiegħed jirrifjuta li jirritorna l-imsemmi fond lill-attur; talab li l-konvenut, prevja okkorrendo d-dikjarazzjoni li l-konvenut qiegħed jokkupa l-fond numru 56 Victory Street, Hamrun, mingħajr titolu, jiġi kundannat jiżgombra mill-imsemmi fond numru 56 Victory Street, Hamrun, fi żmien qasir u perentorju li jiġi ffissat mill-istess Qorti. Bl-ispejjeż;

Rat id-dikjarazzjoni tal-attur;

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet, li biha l-konvenut oppona illi d-domanda tal-attur hija nfondata fil-fatt u fid-dritt. L-attur ippreżenta rikors quddiem il-Bord li Jirregola l-Kera biex jiġi awtorizzat jieħu lura taħt idejh il-fond in kwistjoni, fuq il-motiv li għandu bżonnu għall-użu tiegħu, u dan ir-rikors għadu pendenti; u għalhekk ma jistgħax jingħad li l-eċċipjenti qiegħed bla titolu;

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut;

Rat l-eċċezzjoni ulterjuri opposta mill-konvenut, fissens illi, peress li l-attur irrinunzja għall-proċeduri quddiem il-Bord bla ma ħallas l-ispejjeż relattivi, huwa ma jistgħax jipproponi, qabel ma jħallas, l-azzjoni preżenti;

*Omissis;*

Ikkunsidrat, fuq l-aħħar eċċezzjoni;

Irriżulta illi r-rinunzja għall-proċeduri quddiem il-Bord li Jirregola l-Kera, li bdew fuq istanza tal-attur odjern, saret fir-Reġistru tal-Bord fil-waqt li l-kawża kienet tinsab differita, u illi l-azzjoni preżenti ġiet proposta wara dik ir-rinunzja, u li għadhom ma tħallsux l-ispejjeż relattivi għal dawk il-proċeduri, ankorkè l-kawża għadha fil-lista tas-seduti ta' dak il-Bord;

Skond l-art. 910(2) tal-Proċedura Ċivili, il-parti li tirrinunzja għall-attijiet għandha tħallas l-ispejjeż tal-kawża, u hija ma tistgħax tibda kawża oħra għall-istess azzjoni qabel ma tkun fil-fatt ħallset dawk l-ispejjeż lill-parti l-oħra;

Fil-każ preżenti, l-azzjoni proposta mill-attur kontra l-istess konvenut quddiem il-Bord kellha bħala oġġett li l-attur jieħu lura l-istess fond indikat f'din iċ-ċitazzjoni minn għand il-konvenut, billi l-attur riedu għalieh, u dak fl-azzjoni preżenti hu l-isfrattu tal-konvenut mill-istess fond, iżda fuq il-kawżali li sar ftehim bejn il-kontendenti li l-konvenut joħroġ mill-fond wara d-data ndikata fiċ-ċitazzjoni, u illi, peress li l-konvenut ma osservax il-ftehim huwa qiegħed jokkupa l-post mingħajr titolu. B'dan il-mod, iż-żewġ azzjonijiet mhumiex l-istess, billi, għalkemm l-oġġett finali hu wieħed, u l-istess huma l-kontendenti, il-kawżalijiet mhumiex l-istess. Hekk, b'dan biss, mhux applikabbli l-imsemmi artikolu tal-Proċedura Ċivili;

Għalhekk din l-eċċezzjoni hi miċħuda; bl-ispejjeż;

Ikkunsidrat;

Irriżulta ċar illi . . . . . ;

Il-provi jassodaw illi l-konvenut ftiehem mal-attur li sa l-aħħar ta' Marzu 1961, kif intqal, huwa jneħħi mill-fond dak li kien fih, biex jista' jidħol l-attur, u li in segwitu ma qagħadx għall-ftehim. Hekk il-konvenut ma għandux titolu fuq il-fond in kwistjoni;

Din il-Qorti għalhekk wara li setgħet tqies il-kredibbilità tax-xhieda mid-diportament tagħhom waqt li xehdu, issib ġustifikata u pruvata t-talba tal-attur;

Għal dawn il-motivi;

Tilqa' t-talba tal-attur, u għall-finijiet tal-istess talba tipprefiġġi lill-konvenut ħmistax il-ġurnata mil-lum. Bl-ispejjeż kontra l-konvenut.